# Lill-Irġiel Miżżewġa

Biex tinħabb mal-mara sewwa,
Hemm bżonn tagħmel bosta ħwejjeġ,
Tkellem magħha wisq bil-ħlewwa,
Mill-ġurnata stess li ttejjeġ.
Jekk ikollok xi tgħid magħha,
Ftakar dejjem, raġun tiha
Għax ma ssibx irkaptu tagħha,
U jkollok x'titħabat biha.
Għandek toqgħod b'għajn miftuħa,
Li tfaħħrilha kulma ssajjar;
Jekk ikun jagħti fl-imluħa,
Għid l'hu ħelu, qatt titgħajjar.
Indokra mis-snin tkabbarha,
Daqs tmien snin dejjem naqsilha;
Ftakar tajjeb illi ċl mara
Fis-snin l-aktar li tfixkilha.
Qis lil niesha dejjem tfaħħar,
Biex sabiħ tarak quddiemha,
Tibża' xejn, urajk tissaħħar,
ħelu miegħek ikun kliemha.
Dejjem maqdar lin-nies tiegħek,
Sew lil ħutek, sew lil ommok.
Inkella teħodha miegħek,
Ma tħallikx biss tiftaħ fommok.

Ħwejjeġ dawna ġa ppruvati,
tant mill-fqar kemm mis-sinjuri.
Nies ir-raġel dejjem stmati
Mas-saqajr, bħala sefturi.
    Tibqa' dina bħal tifkira,
    'L irġiel kollha miżżewġin,
biex b'imħabba iżjed kbira
dawna jkunu maħbubin.

***Ġanni A. Cilia***

(1935: din il-poeżija qatt ma xxandret qabel; tahielna t-tifel ta' Ġanni Cilia, flimkien ma' farsa li nxandru f'ħarġa oħra ta' *Il-Malti*)